# Għall-mewt ta' G. K. Chesterton.

*Lill-Poeta* Dun Karm
*li kellu taħdita miegħu.*

Hu kien kif bosta. Bħalu ftit. Il-kotra
tmut fi twelidha, għad li tgħix is-snin.
Hu twieled ħaj u baqa' ħaj u jibqa':
għax twieled meta miet fost il-bnedmin.

Ħaseb, biex jifhem: u kif beda ssokta.
Fehem, biex jemmen: xejn ma tbiddel fih.
Ra 'l Alla fil-ħolqien: għaraf li ħliefu
kien kollox bżieżaq tas-sapun mar-riħ.

U ħabb is-Sewwa, għax kien jaf l-imħabba;
tjassar għas-Sewwa, għax kien jaf jiċkien;
ra t-Tajjeb u s-Sabiħ f'Dak li ħalaqhom;
għaraf 'l Alla fuq kollox, fuq kull żmien.

U baqa' tifel fi rġulitu: qalbu
is-safa ma tilfetx ta' qlub iż-żgħar.
Stkerraħ l-oqbra mbajdin u l-lpup ta' żmienna;
u tas-Sewwa u tal-Ħaqq rifed l-iswar.

Ried jirbaħ b'saħħa, u għaraf jirbaħ. Imma
l-ewwel ma rebaħ lilu in-nifsu biss.
Imbagħ'd rebaħ il-bqija, u rażżan l-ilsna
tas-sriep għamla ta' nies, kif kien imiss.

Ma qagħadx għall-kelma, ħoss ta' leħen fieragħ,
jew għall-wegħdiet ta' ħolm li xejn ma jrodd;
ħarab mill-ħajr tal-faħx, tal-qerq, tal-għama;
għalih l-aqwa l-egħmil: dan hu li jgħodd.

Karmenu Vassallo.

Lulju 1936.